L-Akkademja tal-Malti

Taħdem biex iġġib 'il quddiem
il-qagħda tal-Malti bħala lsien
nazzjonali fl-oqsma kollha tal-ħajja

# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

**Ir-reġistrazzjoni tal-ismijiet ta' wliedna bil-Malti**

L-Akkademja tal-Malti qrat l-aħbar li l-ġenituri li jagħżlu li jsemmu lil uliedhom b'isem Malti qed ikollhom jirreġistrawh ħażin għax ir-Reġistru Pubbliku għad m'għandux sistema moderna li biha l-ismijiet tat-tfal ikunu jistgħu jinkitbu bl-ittri tal-Malti li ma jinstabux fl-alfabett Ingliż. Dan l-ilment ġenwin mhux l-ewwel darba li sar u li ssemma fl-aħbarijiet.

L-Akkademja tfakkar li l-alfabett uffiċjali tal-Malti ġie rikonoxxut mill-Gvern 86 sena ilu. B'xorti ħażina r-Reġistru Pubbliku baqa' m'aġġornax ruħu f'dan ir-rigward, minkejja li fl-aħħar snin tħabbar li dan kien se jsir.

Għaldaqstant l-Akkademja titlob lis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Alex Muscat, responsabbli mir-Reġistru Pubbliku, biex jieħu passi minnufih ħalli din il-problema tissolva mill-aktar fis possibbli għall-ġid tal-ġenituri u f'ġieħ l-ilsien nazzjonali.

12, App. 1
Dar Doreen Micallef
Triq Sant'Andrija
Il-Belt Valletta VLT 1341

info@akkademja.org

fb.com/akkademjatalmalti

www.akkademjatalmalti.org